# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 25 ta’ Lulju, 2019**

**Rikors Numru 894/19 TA**

**Emanuel Dimech ID 622861M, Catherine Muscat, ID 629760M, u Antonia sive Tania Calleja ID 967M lkoll ulied il-mejjet Giuseppe Dimech u Veneranda Dimech, Catherine Muscat hija mart Joseph Muscat xebba Dimech u Antonia sive Tania Calleja hija mart Paul Calleja xebba Dimech**

**vs**

**Veneranda Dimech armla ta’ Giuseppe bint il-mejta Nazzareno Grima u Maria nee Azzopardi imwielda Mosta u residenti Manikata limiti tal-Mellieħa ID 173839M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tar-Rikorrenti tad-9 ta’ Lulju 2019;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta’ Lulju 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata tat-22 ta’ Lulju 2019;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Kif jirrisulta mill-formula uzata, il-mandat ta' inibizzjoni qiegħed jintalab abbażi tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan jista' jsir meta l-pretensjoni tkun tammonta għal mhux anqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta erbgħin ewro u sitta tmenin ċenteżmi tal-ewro (€11,646.86). Dak li qegħdin jippretendu jikkawtelaw ir-Rikorrenti huwa valur li jirrigwarda s-sehem riservat mill-wirt ta' missierhom Giuseppe Dimech. Issa skont artikolu 615 (2) tal-Kodiċi Ċivili *"L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet".* Għalhekk ir-rimedju li jipprovdi l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa applikabbli għall-każ odjern ġaladarba si tratta ta' valur.

Stabbilit li dan huwa rikors ai termini tal-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fl-ewwel subartikolu ta' dan l-artiklu l-liġi tgħid li "Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab **ukoll**…." (emfazi tal-Qorti). Dan ma jfissirx li għalhekk il-Qorti ma hiex prekluza li tiddeklina li tilqa' t-talba għall-ħrug ta' mandat. Lill-Qorti dejjem irid jirrisultalha li min ikun

qiegħed jitlob li jinħareg mandat ta' din ix-xorta jrid jipprova li għandu *prima facie* drittijiet x'jikkawtela.

Iżda f'dan ir-rigward, ġaladarba dan il-mandat qiegħed jintalab abbazi tal-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta dawn il-Qrati jgħallmu, li ghalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni iehor, madanakollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma preċiżament l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareg il-Mandat mitlub (ara **Deċizjoni fl-ismijiet Kleanen Maniscalco et -vs- A.X.T Properties Ltd tal-4 ta' Awwissu 2015 per Imħallef Joseph R. Micallef u Provvediment fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 340/2018 AF tat-3 ta' April 2019 fl-ismijiet LIDL Immobiliare Malta Limited -vs- Qamar u Xemx Ltd per Imħallef Anna Felice).**

Apparti dan, sa fejn jirrigwarda dan il-mandat, il-Qrati tagħna jiddispensaw anke mill-element ta' preġudizzju irrimedjabbli. (Ara digriet fl-atti tal-**mandat numru 1578/2013/1 tal-4 ta' Novembru 2013 per Imħallef Joseph Zammit McKeon fl-ismijiet Helen Borg pro et -vs- Anthony Pace pro et, Prim Awla Qorti Civili).**

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tħoss, li r-Rikorrenti rnexxilhom jipprovaw li jissussistu l-elementi kollha sabiex jintlaqgħu t-talbiet tar-Rikorrenti u konsegwentement jinħareg il-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata.

Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija din il-Qorti, fil-waqt li qegħdha tikkonferma d-digriet provvisorju tagħha tad-9 ta' Lulju 2019 qegħdha tipprovdi definittivament billi tilqa' t-talbiet tar-Rikorrenti kif mitluba fir-rikors tagħhom tad-9 ta' Lulju 2019 u tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni opportun sabiex tinibixxi lill-intimata milli tbiegħ, tneħħi, titrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-propjeta' immobiljari kollha elenkati f'dokument A anness mar-Rikors imsemmi u ċioe:-

- Ins 4449/1982 – plot numru 23 mil-għalqa tad-daqqas il-Mosta bil-kejl ta' 234,92 metri kwadri;
- Ins 7680/981 – plot numru 22 għalqa tad-Daqqaq il-Mosta bil-kejl ta' 227.77 metri kwadri;
- Boathouse bi tlett accessi bla numru u bla isem fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa;
- Art indiviża fis-sit bla numru li tinsab fi Triq Jean de La Cassiere f'San Pawl il-Baħar tal-kejl globali ta' circa 3112 metri kwadri bid-drittijiet u pertinenzi kollha, konfinanti mit-Tramuntana mat-triq imsemmija minn fejn hija aċċessibbli u mil-lvant u punent ma' beni ta' terzi mhux magħrufa;
- Żewġ plots fabbrikabbli markati 103 u 104 formanti parti mill-art li tinsab fil-kuntrada Manikata imlaqqma il-Mogħxa ta' GħajnTuffieħa limiti tal-Mellieħa tal-kejl superfiċjali ta' circa 182 metri kwadri kull plot konfinanti flimkien stante li attigwi min-

Nofsinhar ma' mogħdija/passaġġ bla isem, mill-Punent mal-plot numru 102 u lvant mal-plot 105 għaż-żmien li fadal tas-subutile dominju temporanju għar-rimanenti żmien għal perjodu ta' mija u sentejn (102) li bdew jiddekorru mid-9 ta' Mejju 1967;

- Ins 12468/2005 – porzjoni ta' art raba fil-Biżbiżija limiti tal-Mosta tal-kejl ta' 1124 metri kwadri;

- Ins 530/2016 – plot 14K, Triq il-Ballata, Mosta ta' kejl ta' 496 metri kwadri;

- Qabar fiċ-ċimiterju magħruf bl-isem Tal-Ħniena Divina San Pawl il-Baħar numru 13H diviżjoni lvant.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet sabiex jagħmlu dak li jispetta lilhom skont il-liġi.

Spejjes ta' din il-proċedura a' karigu tal-intimata.

**Mogħti kameralment illum, 25 ta' Lulju, 2019.**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**